

## ORJENTAZZJONIJIET

## BANK ĊENTRALI EWROPEW

## LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' Diċembru 2008

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9 dwar l-istatistika monetarja, tal-istituzzjonijiet finanzjarji u dik tas-swieq (ifformulata mill-ġdid)

(BĊE/2008/31)

(2009/160/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Billi:

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (ifformulata mill-ġdid) (BĊE/2008/32) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u dawk ikkonsolidati tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra <sup>(3)</sup>,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2006/16 tal-10 ta' Novembru 2006 dwar il-qafas legali għar-rappurtar finanzjarju u dak tal-kontabilita fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali <sup>(4)</sup>,

Wara li kkunsidra l-Anness A mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjunali fil-Komunità <sup>(5)</sup>,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika fir-rigward ta' l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet vetturi finanzjarji ngaġġati f'tranżazzjonijiet ta' *securitisation* (BĊE/2008/30) <sup>(6)</sup>,

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 24/2009 (BĊE/2008/30) dwar l-istatistika fir-rigward ta' l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet vetturi finanzjarji ngaġġati f'tranżazzjonijiet ta' *securitisation* (minn issa 'l quddiem il-"FVCs") jistabbilixxi li taħt ċerti kundizzjonijiet, il-FVCs jistgħu jiġu eżentati mill-obbligi kollha ta' rappurtar jew xi wħud minnhom stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 24/2009 (BĊE/2008/30) u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) minflok jistgħu jakkwistaw id-data meħtieġa minn sorsi oħra ta' data statistika, pubblika jew superviżorja.

(2) Data dwar titoli maħruġa ta' FVC u/jew *holdings* ta' titoli ta' FVC jistgħu jiġu akkwistati minn *database* ta' titoli ċċentralizzati (CSDB); għalhekk, CSDB li jiffunzjona jitqies li huwa essenzjali biex jippermetti l-akkwist ta' data dwar titoli maħruġa ta' FVC u/jew *holdings* ta' FVCs ta' titoli,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

## Artikolu 1

Il-Linja Gwida BĊE/2007/9 <sup>(7)</sup> hija emendata kif ġej:

(1) Jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"Artikolu 18a

Statistika dwar l-attiv u l-passiv ta' FVCs

<sup>(7)</sup> ĠU L 341, 27.12.2007, p. 1.<sup>(1)</sup> ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14.<sup>(2)</sup> ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.<sup>(3)</sup> ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 348, 11.12.2006, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.<sup>(6)</sup> ĠU L 15, 20.1.2009, p. 1.

### 1. Skop tar-rappurtar

Il-BĊNi għandhom jikkompilaw u jirrappurtaw informazzjoni statistika aggregata u separata dwar l-attiv u l-passiv ta' FVCs skont Parti 15 tal-Anness III ma' din il-Linja Gwida. Id-data għandha tiġi sottomessa għat-tliet sub kategoriji li ġejjin: (i) FVCs ingaġġati f'*securitisation* tradizzjonali; (ii) FVCs ingaġġati f'*securitisation* sintetika; u (iii) FVCs oħra.

Għall-fini ta' statistika ta' FVC *securitisation* tradizzjonali tirreferi għal *securitisations* fejn it-trasferiment tar-riskju jintlaħaq bit-trasferiment ekonomiku tal-attiv li jkun qed jiġi *securitised*, lill-FVC. Dan għandu jintlaħaq bit-trasferiment tal-proprjetà tal-assi *securitised* mill-oriġinatur jew permezz ta' sub-parteciġazzjoni.

*Securitisation* sintetika tirreferi għal *securitisations* fejn it-trasferiment tar-riskju jintlaħaq bl-użu ta' derivattivi ta' kreditu, garanziji jew kull mekkaniżmu simili ieħor.

Dawn l-obbligi għandhom ikopru data dwar ammonti dovuti fi tmiem it-trimestru, tranżazzjonijiet finanzjarji u *write-offs/write-downs* mogħtija kull trimestru.

Il-BĊNi jistgħu jippreżentaw lill-BĊE id-data meħtieġa dwar ir-*write-offs/write-downs* fuq il-bażi ta' "l-aħjar sforz".

### 2. Frekwenza ta' rappurtar u skadenza

Il-BĊNi għandhom jirrappurtaw lill-BĊE id-data dwar l-ammonti dovuti tal-FVC, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u *write-offs/write-downs* kull trimestru sa tmiem in-negozju fil-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li dvaru għandha x'taqşam id-data.

### 3. Politika ta' reviżjoni

Ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw għar-reviżjoni ta' data trimestrali:

- matul il-perijodi regolari ta' produzzjoni, jiġifieri mit-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru ta' referenza sal-jum qabel dak il-jum li fih id-data tintbagħat lill-BĊNi, il-BĊNi jistgħu jirrevedu d-data li tirreferi għat-trimestru ta' referenza ta' qabel;
- barra l-perijodi regolari ta' produzzjoni, il-BĊNi jistgħu jirrevedu wkoll id-data li tirreferi għall-perijodi ta' referenza qabel it-trimestru ta' referenza ta' qabel, *inter alia*, fil-każ ta' żbalji, riklassifikazzjonijiet jew proċeduri ta' rappurtar imtejba;
- reviżjonijiet ta' data rrappurtati skont ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/32) (\*) dwar self oriġinat u mantnut (*serviced*) minn MFIs taż-żona tal-euro, għandhom jiddaħħlu, fejn rilevanti, fl-istatistika tal-FVC skont il-paragrafi a u b.

### 4. Metodu ta' rappurtar

Sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika li minnhom FVCs huma eżentati skont l-Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/30) (\*\*), il-BĊNi wara li jikkonsultaw il-BĊE, għandhom jiddeċiedu fuq il-metodu l-aktar xieraq biex jikkompilaw id-data dwar l-attiv u l-passiv ta' FVCs, jiddependi mill-organizzazzjoni tas-swieq rilevanti u d-disponibiltà ta' informazzjoni rilevanti oħra statistika, pubblika jew superviżorja fl-Istat Membru.

### 5. Sorsi ta' data u standards tal-kwalità tad-data

Jekk il-BĊNi jakkwistaw data dwar titoli maħruġa ta' FVC u/jew *holdings* ta' FVCs ta' titoli mis-CSDB jew xi *database* ieħor ta' titoli u/jew data dwar l-attiv u l-passiv ta' FVCs minn sorsi oħra ta' data statistika, minn sorsi pubbliċi bħal rapporti ta' qabel il-bejgħ jew dwar l-investituri, jew minn sorsi ta' data superviżorja, għandhom japplikaw l-istandards tal-kwalità tad-data deskritti hawn isfel.

Kif inhu identifikat f'Parti 15 tal-Anness III ma' din il-Linja Gwida, issir distinzjoni bejn serje *anchor*, li huma suġġetti għal standards għolja ta' kwalità, imqabbla ma' data direttament irrappurtata minn FVCs skont l-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/30) u li hija verifikabbli ex-post kif imsemmi fil-paragrafu 9, u serje *non-anchor* li jistgħu jkunu vvalutati skont standards ta' kwalità anqas iebes (\*\*\*)

Jekk il-BĊNi jakkwistaw data dwar l-attiv u l-passiv ta' FVCs minn sorsi ta' data superviżorja, il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn is-sorsi huma allinjati biżżejjed mal-kunċetti statistiċi u d-definizzjonijiet skont l-obbligi ta' rappurtar tal-FVC. L-istess għandu japplika għad-data li hija akkwistata minn sorsi oħra ta' data statistika.

Jekk data m'hijiex irrappurtata direttament minn FVCs skont l-Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/30), il-kwalità tad-data għandha tkun sorveljata mill-BĊNi skont l-informazzjoni li tkun disponibbli mill-istqarrijiet finanzjarji annwali, kif imsemmija fil-paragrafu 9. Jekk il-*cross-checks* bejn id-data akkwistata kull trimestru u l-istqarrijiet finanzjarji annwali juru li ma jkunux intlaqħu standards għolja ta' kwalità, il-BĊNi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li d-data tissodisfa l-istandards ta' kwalità meħtieġa, inkluż il-possibbiltà ta' għbir dirett ta' data skont ir-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/30).

Jekk id-data dwar ammonti dovuti u ħarġiet ġodda ta' titoli ta' dejn ta' FVC u/jew *holdings* ta' FVCs ta' titoli huma kkompilati mis-CSDB jew xi *database* ieħor ta' titoli, il-BĊNi għandhom jiżguraw kopertura estensiva ta' titoli ta' dejn maħruġa ta' FVC u/jew *holdings* ta' FVC ta' titoli, u għandhom jissorveljaw dik id-data regolarment kif imsemmi fil-paragrafu 10. Jekk il-kopertura u l-indikaturi ta' kwalità għas-sett rilevanti ta' titoli fis-CSDB jew xi *database* ieħor ta' titoli, juru li ma jkunux intlaqhu standards għolja ta' kwalità, il-BĊNi għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jintlaħaq l-istandard meħtieġ ta' kwalità, inkluż il-possibbiltà ta' ġbir dirett ta' data skont ir-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/30).

#### 6. *Self oriġinat u mantnut (serviced) minn MFIs taż-żona tal-euro u skambju ta' informazzjoni intra-fruntieri*

Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/32), il-BĊNi jiġbru data dwar self mixtrija minn FVCs li joriġinaw minn u mantnuti (*serviced*) minn MFIs taż-żona tal-euro u kklassifikati skont il-maturità, is-settur u r-residenza tad-debituri, kif identifikat f'Parti 15 tal-Anness III ma' din il-Linja Gwida.

Jekk l-oriġinaturi tas-self *securitised* huma MFIs residenti fl-istess pajjiż bħall-FVC, u dawn l-MFIs domestiċi jibqgħu jmantnu (*service*) l-attiv *securitised*, il-BĊN jista' jikkompila din il-parti tad-data dwar il-portafoll tas-self tal-FVCs, fir-rigward tal-ammonti dovuti u t-tranżazzjonijiet finanzjarji, mid-data miġbura minn MFIs domestiċi kif speċifikat fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/32), minflok li jiġbru direttament din id-data minn FVCs.

Jekk l-oriġinaturi tas-self *securitised* huma MFIs residenti fi Stat Membru ieħor taż-żona tal-euro, u dawn l-MFIs jibqgħu jmantnu (*servicing*) l-attiv *securitised*, il-BĊNi għandhom jiskambjaw l-informazzjoni miġbura minn dawn l-MFIs skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/32). Kull BĊN għandu jiġbor informazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/32) dwar self li joriġina minn u mantnut minn MFIs domestiċi u li jkun ġie *securitised* ma' FVC residenti fi Stat Membru ieħor taż-żona tal-euro.

Għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni intra-fruntieri, kull BĊN għandu jittrasmetti informazzjoni dwar self li joriġina u mantnut (*serviced*) minn MFIs domestiċi skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/32), lill-BĊE, skont Parti 15 tal-Anness III ma' din il-Linja Gwida.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw din id-data lill-BĊE sat-23 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li dwaru għandha x'taqsam id-data.

Il-BĊE għandu jipprovdi, konformi mal-atti legali applikabbli li jipproteġu d-data kunfidenzjali, il-*gateway* teknika għal dan l-iskambju ta' informazzjoni intra-fruntieri. Il-BĊE għandu jiddistribwixxi mill-ġdid id-data lill-BĊNi rispettivi fl-24 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li dwaru għandha x'taqsam id-data.

Il-BĊNi li huma nvoluti fl-iskambju tad-data għal *securitisations* eżistenti għandhom jikkjarifikaw kull mistoqsijiet dovuti u kwistjonijiet ta' koordinament fuq bażi bilaterali u, jekk jinħtieġ, jiskambjaw informazzjoni rilevanti. Jekk ikun hemm *securitisations* ġodda, il-BĊNi rilevanti jistgħu jistaqsu lill-BĊE biex jaġixxi bħala koordinatur.

#### 7. *Derogi u ngrossaġġ*

Jekk il-BĊNi jikkompilaw data dwar l-attiv u l-passiv ta' FVCs direttament minn FVCs, u fejn rilevanti, ibbażata skont data irrappurtata minn MFIs skont ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/32), u fejn il-BĊNi jagħtu derogi lil FVCs skont l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/30), il-BĊNi għandhom jingrossaw sa kopertura ta' 100 % għall-FVCs kollha meta jikkompilaw l-attiv u l-passiv trimestrali ta' data ta' FVCs rrappurtata lill-BĊE għal ammonti dovuti, tranżazzjonijiet finanzjarji u *write-offs/write-downs*.

Jekk il-BĊNi jikkompilaw data dwar l-attiv u l-passiv ta' FVCs minn sorsi oħra statistiċi, pubbliċi u/jew superviżorji, huma jistgħu jibbażaw il-kompilazzjoni tagħhom fuq kampjun ta' FVCs sakemm dawn il-FVCs jammontaw għal ta' lanqas 95 % tal-ammont totali dovut tal-attiv tal-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza tal-FVC fi Stat Membru rilevanti kif irrappreżentat fil-lista ta' FVCs. Il-BĊNi għandhom jingrossaw sa kopertura ta' 100 % meta jikkompilaw id-data trimestrali dwar l-attiv u l-passiv ta' FVCs rrappurtata lill-BĊE għal ammonti dovuti, tranżazzjonijiet finanzjarji u *write-offs/write-downs*.

#### 8. *Noti ta' spjega*

Il-BĊNi għandhom jippreżentaw noti ta' spjega lill-BĊE fejn jagħtu r-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinifikanti kif ukoll għal kull reviżjoni magħmula skont l-Artikolu 18a(3)(b) ta' din il-Linja Gwida.

#### 9. *Sorveljar tal-kwalità tad-data mhux irrappurtata direttament minn FVCs jew MFIs*

Il-BĊNi għandhom jiċċekkjaw il-kwalità tad-data trimestrali li m'hijiex irrappurtata direttament minn FVCs jew MFIs skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/30), skont informazzjoni disponibbli minn stqarrijiet finanzjarji annwali.

Ir-risultat tal-kuntrolli ta' kwalità għandhom jiġu trasmessi lill-BĊE sal-aħħar ta' Settembru kull sena, jew l-aktar malajr minn hemm 'il quddiem, skont il-prattiċi legali nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru ta' residenza tal-FVC.

#### 10. *Sorveljar tal-kwalità tas-CSDB jew ta' xi database ieħor tat-titoli fil-kuntest ta' titoli maħruġa ta' FVC*

Jekk is-CSDB jew *database* ieħor tat-titoli jintuża bħala sors tad-data għal statistika ta' FVC skont il-paragrafu 5, il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE, kull sena, b'indikaturi dwar il-kopertura u l-kwalità tas-sett rilevanti ta' titoli fis-CSDB jew fid-*database* l-ieħor tat-titoli, skont il-metodoloġija li għandha tiġi kkomunikata separatament lill-BĊNi.

L-informazzjoni hawn fuq għandha tiġi trasmessa lill-BĊE sa tmiem Frar kull sena billi tittieħed, bħala referenza, id-data ta' tmiem Diċembru tas-sena preċedenti.'

(\*) ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14.

(\*\*) ĠU L 15, 20.1.2009, p. 1.

(\*\*\*) Per eżempju, stejjem, eż. interpolazzjonijiet u ekstrapolazzjonijiet, jistgħu jinħtieġu meta d-data tinġabar minn sorsi pubbliċi jew superviżorji fi frekwenza aktar baxxa milli kull trimestru, u b'perijodu ta' żmien itwal mit-28 jum ta' xogħol wara l-perijodu ta' referenza."

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

"Artikolu 20a

#### **Lista ta' FVCs għal fini ta' statistika**

##### **1. Skop tar-rappurtar**

Il-varjabbli miġbura biex tiġi stabbilita u tinżamm il-lista ta' FVCs għal finijiet ta' statistika mogħtija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/30) huma speċifikati fl-Anness VIII ma' din il-Linja Gwida.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw l-aġġornamenti tal-varjabbli speċifikati f'Parti 1 tal-Anness VIII ma' din il-Linja Gwida jew meta jkun hemm bidliet fis-settur tal-FVC, jiġifieri istituzzjoni tingħaqad mas-settur tal-FVC jew FVC tħalli s-settur tal-FVC, jew meta jkun hemm bidla fl-attribwiti ta' FVC.

Il-BĊNi għandhom jakkwistaw aġġornamenti billi jqabblu l-lista nazzjonali tagħhom ta' FVCs fl-aħħar ta' żewġ tmiem it-trimestri wara xulxin (*two successive end-of-quarter*), jiġifieri m'għandhomx iqisu movimenti ġewwa t-t-trimestri.

Meta jirrapportaw istituzzjoni ġdida jew istituzzjoni li għandha tiġi modifikata, il-BĊNi għandhom ikomplu l-varjabbli obbligatorji kollha.

Meta jirrapportaw istituzzjoni li tħalli s-settur tal-FVC, il-BĊNi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja bħala minimu: it-tip ta' talba, jiġifieri it-tħassir, u l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-FVC, jiġifieri l-varjabbli "fvc\_id".

Fejn possibbli, il-BĊNi m'għandhomx jirrijallokaw l-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' FVC ta' FVCs imħassra għal FVCs ġodda jew modifikati.

Meta jirrapportaw aġġornamenti, il-BĊNi jistgħu jużaw is-sett tal-ittri nazzjonali tagħhom, bil-kundizzjoni li huma jużaw l-alfabett Ruman. Il-BĊNi għandhom jużaw l-Unicode biex juru b'mod korrett is-settijiet kollha tal-ittri speċjali meta jirċievi informazzjoni mill-BĊE permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Data tar-RIAD.

Qabel ma jittrasmettu aġġornamenti lill-BĊE, il-BĊNi għandhom iwettqu l-kuntrolli ta' validazzjoni stabbiliti f'Parti 2 tal-Anness VIII ma' din il-Linja Gwida.

##### **2. Frekwenza ta' rappurtar u skadenza**

Il-BĊNi għandhom jittrasmettu lill-BĊE aġġornamenti tal-varjabbli speċifikati f'Parti 1 tal-Anness VIII ma' din il-Linja Gwida, ta' lanqas kull trimestru, fi żmien 14-il jum tax-xogħol wara d-data ta' referenza.

##### **3. Standards ta' trasmissjoni**

Il-BĊNi għandhom jittrasmettu aġġornamenti f'format ta' fajl XML. Il-BĊE għandu mbagħad jipproċessa d-data permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Data tar-RIAD. Fil-każ ta' hserat fl-EXDI u/jew tas-Sistema ta' Skambju ta' Data tar-RIAD, l-aġġornamenti għandhom jiġu trasmessi fil-format XML permezz tal-kont *Cebamail* N13. Jekk is-sistema *Cebamail* m'hijiex operattiva għat-trasferiment tal-fajl ta' aġġornamenti ta' FVC jew korrezzjonijiet, il-BĊNi għandhom jittrasferixxu dawn il-fajls bl-*e-mail* bl-użu tal-format XML lill-indirizz tal-*e-Mail* li ġej: [birs@ecb.europa.eu](mailto:birs@ecb.europa.eu)

Il-BĊNi li jużaw proċeduri manwali ta' input għandhom ikollhom f'posthom sett adegwat ta' kuntrolli biex jimminimizzaw żbalji operattivi u jiżguraw il-preċiżjoni u l-konsistenza tal-aġġornamenti ta' FVC rrapportati permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Data tar-RIAD.

##### **4. Konferma ta' akkwist u żball**

Malli jirċievi l-aġġornamenti, jiġifieri l-aħħar informazzjoni disponibbli, il-BĊE għandu jwettaq minnufih kuntrolli ta' validazzjoni kif stabbiliti f'Parti 2 ta' Anness VIII ma' din il-Linja Gwida.

Il-BĊE għandu jirritorna minnufih lill-BĊNi: (i) konferma tal-għarfien li tinkludi taqsira ta' informazzjoni tal-aġġornamenti ta' FVC li jkunu ġew ipproċessati w implimentati b'suċċess fid-dataset tal-FVC tal-BĊE; u/jew (ii) konferma tal-iżball li tinkludi informazzjoni dwar l-aġġornamenti ta' FVC u l-kuntrolli ta' validazzjoni li jkunu f'leww. Skond Parti 1 ta' Anness VIII ma' din il-Linja Gwida, il-BĊE għandu jimplementa, fis-sħiħ jew f'parti, varjabbli "object\_request" li mhux komplut, inkorrett jew li jkun nieqes jew jiċħdu.

Malli jirċievi konferma li jkun sar iżball, il-BĊNi għandhom jieħdu azzjoni immedjata biex jittrasmettu l-informazzjoni kkoreġuta. Jekk ma jkunux jistgħu jieħdu azzjoni immedjata, huma għandhom ikollhom massimu ta' jumejn ta' xogħol, jiġifieri sa 17.59 Ħin Ċentrali Ewropew (CET) fit-tieni jum ta' xogħol, biex jirrappurtaw l-informazzjoni kkoreġuta, wara l-iskadenza għar-rappurtar stabbilita fil-paragrafu 2.

### 5. Tixrid tal-lista ta' FVCs

Il-BĊE għandu jieħu kopja tad-dataset tal-FVC, esklużi l-valuri mmarkati bħala kunfidenzjali, fis-18.00 CET fit-tieni jum ta' xogħol wara l-iskadenza għar-rappurtar imsemmija fil-paragrafu 2. L-informazzjoni aġġornata għandha ssir disponibbli sa 12.00 CET il-jum ta' wara.

Il-BĊE m'għandux jippubblika valuri li jkunu ġew immarkati bħala kunfidenzjali.

Fl-istess ħin li jikkomunika l-lista ta' FVCs fuq is-sit elettroniku tiegħu, il-BĊE għandu jibgħatha lill-BĊNi permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Data tar-RIAD."

(3) L-Anness III huwa emendat u jiżdied l-Anness VIII skont l-Anness ma' din il-Linja Gwida.

(4) Fil-Glossarju, id-definizzjoni ta' korporazzjonijiet vetturi finanzjarji hija sostitwita b'li ġej:

**"Korporazzjonijiet vetturi finanzjarji ngaġġati f'tranżazzjonijiet ta' securitisation** huma ddefiniti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/30)."

#### Artikolu 2

#### Dħul fis-seħħ

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dik li fiha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

#### Artikolu 3

#### Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 19 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

## ANNEX

1. Il-Parti 15 li ġejja tiżdied mal-Anness III:

“PARTI 15

**Tabella ta' rappurtar ta' FVC**

*Tabella 1*

**Ammonti dovuti u tranżazzjonijiet finanzjarji**

Data li għandha tingħata kull trimestru









Tabella 2

**Write-offs/write-downs**

Data li għandha tingħata kull trimestru

	D. Total
<b>ATTIV</b>	
<b>2 Self securitised</b>	

Tabella 3  
**Ammonti dovuti biex jiġu skambjati bejn BĊNi**

	Totali (*)	A. Domestiċi				B. Stati Membri parteċipanti oħra								
		Gvern Ġenerali (S. 13)	Setturi residenti oħra			Gvern Ġenerali (S. 13)	Setturi residenti oħra							
			Totali	OFIs u awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125)		NFC (S.11)	Households (S.14+S.15)	Totali	OFIs u awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125)	NFC (S.11)	Households (S.14+S.15)	
<b>ATTIV</b>														
<b>Self securitised</b>														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro A														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro B														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro C														
etc.														
<b>sa sena</b>														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro A														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro B														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro C														
etc.														
<b>aktar minn sena u sa 5 snin</b>														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro A														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro B														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro C														
etc.														
<b>aktar minn 5 snin</b>														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro A														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro B														
FVCs li jinsabu fil-pajjiż taż-żona ta' l-ewro C														
etc.														

(\*) inkludi żona domestika, Stati Membri taż-żona ta' l-ewro parteċipanti u l-bqija tad-dinja."

2. Jiżdied l-Anness VIII li ġej:

“ANNEX VIII

LISTA TA' FVCs GĦAL FINIJET TA' STATISTIKA

PARTI 1

Varjabbli għar-rappurtar tal-lista ta' korporazzjonijiet vetturi finanzjarji (FVCs) għal finijiet ta' statistika

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Status
object_request	Dan il-varjabbli jispeċifika t-tip ta' aġġornament tal-FVC mibgħuta u jista' jkollha waħda mis-sitt valuri ddefiniti minn qabel:  'fvc_req_new': talba għal FVC ġdid oħra  'fvc_req_mod': talba għal modifiki lil FVC  'fvc_req_del': talba biex titħassar FVC  'fvc_req_realloc': talba għar-rijallokazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' FVC imħassra għal FVC ġdida  'fvc_req_mod_id_realloc': talba għar-rijallokazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' FVC imħassra għal FVC oħra  'fvc_req_mod_id': talba għal bidla fil-kodiċi ta' identifikazzjoni ('fvc_id') ta' FVC għal kodiċi ta' identifikazzjoni differenti	Obbligatorju
fvc_confidentiality_flag	Dan il-varjabbli jindika l-istatus ta' kunfidenzjalità tar-rekord sħiħa. Għandha tingħażel waħda mit-tliet valuri ddefiniti minn qabel: 'F' (bla ħlas, mhux kunfidenzjali), 'N' (kunfidenzjali; tista' tiġi rilaxxata għall-użu biss tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ); mhux għar-rilaxx estern) jew 'C' (kunfidenzjali; mhux għar-rilaxx lis-SEBĊ jew il-pubbliku)  Jekk tinħtieġ il-kunfidenzjalità parzjali ta' xi varjabbli partikolari, għandu jintuża l-valur 'F'.	Obbligatorju
fvc_id	Il-key primarja għad- <i>dataset</i> tal-FVC hija l-identifikazzjoni unika (minn issa 'l quddiem 'il-kodiċi tal-id') għal kull FVC  Hija tkopri żewġ partijiet: 'host' u 'id'  Il-valuri għaż-żewġ partijiet flimkien jiżguraw li l-'fvc_id' huwa uniku għal dik il-FVC	Obbligatorju
host	Il-kodiċi ISO b'żewġ ittri tal-pajjiż jew il-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-FVC, wieħed minn żewġ partijiet tal-varjabbli 'fvc_id' (ara hawn fuq)	Obbligatorju meta parti mill-kodiċi tal-id
id	Il-kodiċi tal-id tal-FVC, wieħed miż-żewġ partijiet tal-varjabbli 'fvc_id' (ara hawn fuq)	Obbligatorju meta parti mill-kodiċi tal-id
name	L-isem sħiħ ta' reġistrazzjoni tal-FVC, inkluża l-indikazzjoni ( <i>designation</i> ) tal-kumpanija, eż. Plc, Ltd, SpA, eċ.	Obbligatorju
address	Id-dettalji tal-post tal-FVC jew il-kumpanija tal-immaniġġjar fejn japplika, magħmula minn erba' partijiet: 'postal_address', 'postal_box', 'postal_code' u 'city'	Obbligatorju għal talbiet 'new' u 'mod'
postal_address	L-isem tat-triq u n-numru tal-bini	Obbligatorju għal talbiet 'new' u 'mod'

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Status
postal_box	In-numru tal-kaxxa tal-uffiċċju tal-posta, bl-użu tas-sistemi ta' konvenzjoni tal-kaxxa nazzjonali	Obbligatorju għal talbiet 'new' u 'mod'
postal_code	Il-kodiċi postali, bl-użu tal-konvenzjonijiet tas-sistema postali nazzjonali	Obbligatorju għal talbiet 'new' u 'mod'
city	Il-belt tal-post	Obbligatorju għal talbiet 'new' u 'mod'
management company name	L-isem irreġistrat sħiħ, tal-kumpanija tal-immaniġġjar tal-FVC Jekk tonqos din l-informazzjoni, għandu jiġi rrapportat il-valur 'mhux disponibbli' (fejn il-FVC għandha kumpanija tal-immaniġġjar) jew 'mhux applikabbli' (fejn il-FVC ma għandhiex kumpanija tal-immaniġġjar)	Obbligatorju
management company name_confidentiality_flag	Dan il-varjabbli jindika l-istatus ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni dwar isem il-kumpanija tal-immaniġġjar Waħda minn tliet valuri ddefiniti minn qabel għandhom jintgħażlu: 'F' (bla ħlas, mhux kunfidenzjali), 'N' (kunfidenzjali; jista' jiġi rilaxxat biss għall-użu tas-SEBĊ; mhux għar-rilaxx estern) jew 'C' (kunfidenzjali; mhux biex jiġi rilaxxat lis-SEBĊ jew lill-pubbliku)	Obbligatorju
nature of securitisation	Dan il-varjabbli jispjefika t-tip ta' <i>securitisation</i> imwettqa mill-FVC Waħda minn erba' valuri ddefiniti minn qabel għandhom jintgħażlu: 'tradizzjonali', 'sintetika', 'oħra' jew 'mhux disponibbli'	Obbligatorju
nature of securitisation_confidentiality_flag	Dan il-varjabbli jindika l-istatus ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni dwar in-natura ta' <i>securitisation</i> Waħda minn tliet valuri ddefiniti minn qabel għandhom jintgħażlu: 'F' (bla ħlas, mhux kunfidenzjali), 'N' (kunfidenzjali; jista' jiġi rilaxxat biss għall-użu tas-SEBĊ; mhux għar-rilaxx estern) jew 'C' (kunfidenzjali; mhux biex jiġi rilaxxat lis-SEBĊ jew lill-pubbliku)	Obbligatorju
ISIN codes	Dan il-varjabbli jispjefika l-kodiċijiet tal-ISIN <sup>(1)</sup> għal kull klassi ta' titolu għal kull tranżazzjoni waħda, maħruġa mill-FVC Il-varjabbli hija komposta minn diversi partijiet inkluż referenza għal: 'ISIN_1', 'ISIN_2', 'ISIN_3', 'ISIN_4' u 'ISIN_n' Bħala obbligu minimu, ta' lanqas kodiċi tal-ISIN wieħed (ISIN_1) għandu jkun irrappurtat Jekk tiġi rrapportata FVC li għaliha ma japplikawx il-kodiċi ISIN, jew m'humiex disponibbli, għandu jiġi rrapportat it-terminu bi 12-il ittra 'XXXXXXXXXXXX' għal 'ISIN_1'	Obbligatorju
free_text	Informazzjoni spjegattiva dwar il-FVC	

(<sup>1</sup>) Numru Internazzjonali ta' Identifikazzjoni ta' Titoli: kodiċi li jidentifika b'mod uniku ħarġa ta' titoli, kompost minn 12 -il ittra alfanumerika.

## PARTI 2

**Kuntrolli ta' validazzjoni**1. *Kuntrolli ġenerali*

Jiġi eżaminat li:

- Il-varjabbli obbligatorji kollha jitkomplew;
- Il-valur għall-varjabbli 'object\_request' huwa wieħed mis-sitt tipi ddefiniti minn qabel kif stabbilit f'Parti 1 ta' dan l-Anness ('fvc\_req\_new', 'fvc\_req\_mod', 'fvc\_req\_del', 'fvc\_req\_realloc', 'fvc\_req\_mod\_id\_realloc', 'fvc\_req\_mod\_id') jiddependi mit-tip ta' informazzjoni trasmessa; u
- il-BĊNi jużaw l-alfabett Ruman meta jirrapportaw aġġornamenti lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

2. *Kuntrolli tal-kodiċi tal-Id*

Jiġi eżaminat li:

- il-varjabbli 'fvc\_id' huwa kopert minn żewġ partijiet separati, varjabbli 'host' u varjabbli 'id', u l-valuri għaż-żewġ partijiet flimkien jiżguraw li l-'fvc\_id' hija unika għall-FVC;
- il-valur għall-varjabbli 'host' għal FVC huwa kodiċi tal-ISO b'żewġ ittri;
- kodiċi tal-id użat qabel ma jiġix allokat lil FVC ġdida. Jekk din l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi evitata, il-BĊNi għandhom jibagħtu talba ta' 'fvc\_req\_realloc' lill-BĊE;
- meta tiġi rrapportata bidla fil-kodiċi tal-id għal FVC eżistenti, tintuża talba speċifika 'fvc\_req\_mod\_id'; u
- meta tiġi rrapportata bidla fil-kodiċi tal-id għal kodiċi tal-id mħassar qabel, tintuża talba speċifika ta' 'fvc\_req\_mod\_id\_realloc'.

Jekk il-kodiċi ta' identifikazzjoni jkun intuża diġà (jew għal FVC eżistenti jew għal FVC li tkun ġiet imħassra qabel) u t-talba m'hijiex 'fvc\_req\_mod\_id\_realloc', jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni ġdid tal-FVC huwa fil-lista kurrenti, il-BĊE jiċħad it-talba.

Jekk il-varjabbli 'fvc\_id' m'huwiex komplut, huwa inkorrett jew nieqes, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

3. *Isem*

Jiġi eżaminat li:

- dan il-varjabbli jispeċifika isem il-FVC;
- l-isem tal-FVC inkluża l-indikazzjoni (*designation*) huma rrapportati b'mod konsistenti għall-ismijiet kollha fejn dan japplika;
- il-konvenzjoni ta' ittri żgħar tiġi segwita biex tippermetti l-aċċenti; u
- jintużaw ittri żgħar meta japplika.

Jekk jonqos il-varjabbli 'name', il-BĊE jiċhad it-talba kollha.

4. *Indirizz*

Jiġi eżaminat li:

- ta' lanqas jitkompla wieħed mill-varjabbli tal-indirizz 'postal\_address', 'postal\_box' jew 'postal\_code';

- il-varjabbli 'postal\_address' jindika l-isem u n-numru tat-triq tal-FVC (jew tal-kumpanija tal-immaniġġjar tagħha, kif japplika);
- il-varjabbli 'postal\_box' juża sistemi ta' konvenzjoni tal-kaxxa nazzjonali, u li l-ebda referenzi ta' testi tal-kaxxa tal-uffiċju tal-posta ma jsiru quddiem in-numri tal-'postal\_box'; u
- il-varjabbli 'postal\_code' juża konvenzjonijiet tas-sistema tal-posta nazzjonali u jispeċifika l-kodiċi postali rilevanti.

Jekk ta' lanqas wieħed mill-varjabbli ta' 'address' jonqos, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

#### 5. Belt

Jiġi eżaminat li il-varjabbli 'city' tispeċifika l-belt fejn tinsab il-FVC.

Jekk il-varjabbli 'city' hija nieqsa, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

#### 6. Isem il-kumpanija tal-immaniġġjar u l-bandiera tal-kunfidenzjalità assoċjata

Kumpanija ta' immaniġġjar hija istituzzjoni li tipprovdi servizzi ta' immaniġġjar jew ta' amministrazzjoni lil FVC.

Jiġi eżaminat li:

- il-varjabbli 'management company name' titkompla jew b'isem ta' kumpanija jew bħala 'mhux disponibbli' jew 'mhux applikabbli';
- jekk il-varjabbli 'management company name' tingħata bħala 'mhux disponibbli', ingħatat ukoll raġuni li takkompanja l-parti 'free\_text'; inkella l-BĊE jibgħat twissija.

the variable 'management company name\_confidentiality\_flag' titkompla jew b'F, 'N' jew 'C'.

Jekk jonqos il-varjabbli 'management company name', il-BĊE jichad it-talba kollha.

#### 7. Natura tas-securitisation u l-bandiera tal-kunfidenzjalità assoċjata

Jiġi eżaminat li:

- il-varjabbli 'nature of securitisation' securitisation' titkompla b'waħda mill-erba' valuri ddefiniti minn qabel: 'tradizzjonali', 'sintetika', 'oħra' jew 'mhix disponibbli';
- jekk il-varjabbli 'nature of securitisation' tingħata bħala 'mhux disponibbli', ingħatat ukoll raġuni akkompanjanti fil-parti 'free\_text'; inkella, il-BĊE se jibgħat twissija;
- il-varjabbli 'nature of securitisation\_confidentiality\_flag' titkompla jew bi 'F', 'N' jew 'C'.

Jekk il-varjabbli 'nature of securitisation' hija nieqsa, il-BĊE jichad it-talba kollha.

#### 8. Kodiċi tal-ISIN

Jiġi eżaminat li:

- taħt il-varjabbli 'ISIN codes', ta' lanqas il-varjabbli 'ISIN\_1' jitkompla għal kull FVC, u li l-valur għal 'ISIN\_1' 1' huwa jew il-kodiċi attwali jew it-terminu bi tna-x-il ittra 12 'XXXXXXXXXXXX';
- Il-kodiċi tal-ISIN għal kull FVC m'humiex iddupplikati;
- Il-kodiċi tal-ISIN tul il-FVCs m'humiex iddupplikati.

Jekk l-'ISIN codes' tal-varjabbli u 'ISIN\_1' huma nieqsa, jiġifieri la l-kodiċi attwali u lanqas it-terminu 'XXXXXXXXXXXX' ma jingħata, il-BĊE jiċħad it-talba sħiħa.

#### 9. Kuntrolli ta' kunfidenzjalità

Il-BĊNi jistgħu jimmarkaw ċerti valuri jew ir-rekord sħiħa bħala kunfidenzjali bil-varjabbli tal-bandiera tal-kunfidenzjalità, meta jirrapurtaw aġġornament lil FVC lill-BĊE.

F'dawn il-każijiet, l-informazzjoni li takkumpanja dwar ir-raġuni għall-kunfidenzjalità għandha tingħata fil-parti 'free\_text'.

Il-BĊE ma jippubblikax dawn il-valuri fuq is-sit elettroniku tiegħu jew jagħtihom lura lill-BĊNi. Il-bnadar tal-kunfidenzjalità huma deskritti faktar dettal hawn isfel:

'F'	Bla h̄las: Dan il-valur m'huwiex kunfidenzjali u jista' jiġi ppubblikat
'N'	Informazzjoni statistika kunfidenzjali: dan il-valur jista' jixxered ġewwa s-SEBĊ, imma mhux ippubblikat
'C'	Informazzjoni statistika kunfidenzjali: dan il-valur ma jistax jixxered ġewwa l-BĊE u lanqas ippubblikat; huwa jibqa' ġewwa l-ambjent ta' produzzjoni ta' statistika tal-BĊE

Jiġi eżaminat li:

- Il-'fvc\_confidentiality\_flag', 'management company name\_confidentiality\_flag' u 'nature of securitisation\_confidentiality\_flag', jitkomplew b'wieħed mill-valuri ddefiniti minn qabel li ġejjin: 'F', 'N' or 'C',
- Jekk il-'management company name\_confidentiality\_flag' u/jew 'nature of securitisation\_confidentiality\_flag' huma 'N' jew 'C', imbagħad 'fvc\_confidentiality\_flag' għandha tkun 'F'."